**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**
**TEL: 2168 0622**
**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa numru sebgħin (70) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tnejn, 28 ta' Novembru 2016 fis-6.00pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv |
| Assenti: | Nikolai Farrugia | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

70.1 Charlene Zammit qalet it-talba u ppresediet is-seduta.

70.2 Il-laqgħa bdiet mingħajr Anita Farrugia u Paul Spiteri li daħlu ftit tard.

70.3.1 Il-minuti tas-seduta numru disgħa u sittin kienu korretti wara li ddaħħlet is-sentenza: 'Il-pagament hu għas-servizzi li s-Sinjura Borg Grech kienet tat mas-Sur Edwin Gatt. Filwaqt li s-Sur Edwin Gatt kien tħallas mill-organizzatur, Ms Borg Grech baqgħet ma tħallset qatt għas-servizzi li tat' bejn l-ewwel sentenza u t-tieni sentenza ta' paragrafu 6.15.

70.3.2 Is-Sindku tkellmet dwar il-kostruzzjoni ta' Triq George Martin.

70.3.3 Anita daħlet fis-6.05pm.

70.3.4 Kienet iffissata laqgħa mal-organizzatur ta' Festa Ravjul.

70.3.5 Paul Spiteri daħal fis-6.15pm.

70.3.6 Grace Marie Mallia tkellmet dwar it-*template* il-ġdida tal-minuti mgħoddija lilna mid-Dipartiment Gvern Lokali u l-mod kif qed jinżammu. Hija sostniet illi għandhom jinżammu ir-*recordings* tal-laqgħat, mentri Paul Spiteri qal li jippreferihom ittajpjati. Is-SE qal illi jekk tipprova tifhem ir-*recording* ma ssibx tarf b'kulħadd jitkellem fuq xulxin. Kien deċiż li jinżammu skont it-template u jinżammu noti tal-uffiċċju li ma jkunux ippubblikati biex f'każ li fil-futur iqumu xi mostoqsijiet, wieħed ikun jista' jirreferi għan-noti.

70.3.7 Il-Minuti kienu proposti minn Grace Marie Mallia u sekondati minn Anita Farrugia u kienu approvati unanimament u ffirmati.

**70.4 Komunikazzjoni mis-Sindku:**

70.4.1 Semmiet ittra li ntbagħtet f'kull dar mis-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju bi protesta dwar l-għoti tal-unur Ġieħ l-Imqabba 2016 mill-KLM.

70.4.2 Is-Sindku qrat minn fuq il-*mobile* tagħha ittra li għaddielha id-Direttur Artistiku tal-Karnival ta' Malta, is-Sur Jason Busuttil fejn qal li Jerry Ghigo kien determinanti għal karru *The Smurfs* li jġorr l-isem tal-Imqabba, taħt kategorija B, tal-karnival ta' Malta. Anita Farrugia u Michel Farrugia ma' qablux mal-kontenut tal-ittra filwaqt li s-Sindku qalet li se ġġiba fil-ħarġa tal-fuljett. Michel Farrugia qal li l-każ hu magħluq.

70.4.3 Iż-żieda fl-allokazzjoni governattiva annwali għas-sena 2017. Kienet iffissata d-data tal-laqgħa pubblika tal-lokalita'.

70.4.4 In-nota li se jkun hemm fil-fuljett dwar l-għotja tal-KLM lill-*Community Chest Fund.*

70.4.5 L-ittra li bagħtilna is-Sur Giovanni Farrugia permezz tal-avukat Peter Borg Costanzi biex terġa' tingħalaq il-bokka tal-ġiebja tal-Pjazza tal-Knisja.

70.4.5 L-inawgurazzjoni tal-kotba l-ġodda fil-librerija fuq inizjattiva tas-Sur Steve Borg.

70.4.6 It-tifkiriet tas-Sur Salvu Farrugia dwar Pjazza Ġublew tad-Djamanti.

70.4.7 L-artikli tal-fuljett li s-Sindku qalet illi jridu jidħlu sa nhar it-30 ta' Novembru 2016.

70.4.8 It-twaħħil tal-*Christmas Decorations* ta' Misraħ il-Fidwa u jrid jinxtgħel il-presepju fi Triq K Ciantar k/mal-Pjazza tal-Knisja.

70.4.9 Issemmiet il-ħsara fid-dwal tat-toroq fi Triq K Ciantar.

70.4.10 Is-sit elettroniku mhux uffiċjali tal-Kunsill, li hemm bżonn li jiddaħħlu fih l-aħbarijiet bħal *Party* tat-tfal tal-Milied.

70.4.11 Il-bżonn li jiġu emendati l-ħinijiet tal-*answering machine*.

70.4.12 Id-deċiżjoni tal-KLM biex fl-2017 ma jittellax id-dramm *L-Imsallab fi Triqatna* mid-Dilettanti tal-Ġimgħa l-Kbira Għawdex.

70.4.13 L-eżodu tal-laqgħat li kellhom is-Sindki ta' wara l-mina u qbil mill-KLM biex fuq il-ġibjun tal-Imqabba tinbena' biss Dar għall-Anzjani.

70.4.14 Dwar il-*party* tat-tfal se jiġu magħżula ir-rigali.

70.4.15 Se jinxtraw qagħaq tal-għasel u *mince pie* minn għand *David's Bakery* u jinkrew 150 siġġu u palk għal quddiesa ta' nhar it-18 ta' Diċembru.

70.5 Se jinġiebu l-istimi sabiex issir tinda trasparenti li minnha se jkunu qed jinqraw l-istejjer tat-tfal f'Misraħ il-Fidwa.

70.6 Is-SE spjega l-proposta tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura dwar it-tneħħija ta' *wires* minn mal-faċċati fil-Pjazza tal-Knisja. Hu qal li kien mistieden il-Perit William Lewis biex jagħti *brief* lill-KLM iżda s-Sindku infurmatu li ma' kienx hemm il-ħtieġa li jattendi. Il-proġett se jinkorpora il-qlugħ ta' diversi bankini biex minn taħthom jgħaddu l-cables tas-servizzi varji. Il-KLM kien favur li jsir proġett holisitku li jindirizza mhux biss il-*wires* minn mal-faċċati u l-aspett estetiku, iżda anke l-problemi bħal dik li l-pjazza tegħreq bl-ilma tax-xita. Il-KLM jixtieq li l-proġett jinvolvi wkoll il-kisi bit-tarmak taż-żona tal-pjazza.

70.7 Issemma' l-bżonn li jsir wiċċ tal-bankina fi Triq il-Madonna tal-Ġilju quddiem il-familja Sciberras.

70.8 Issemma' l-bżonn li jinbidlu l-imirja imtappnin u jinxtraw oħrajn preferibbilment ta' materjal aħjar fil-Pjazza tal-Knisja u f'Misraħ il-Fidwa.

70.9 Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 524.

70.10 Kienu meħuda b'moqrija ċ-ċirkularijiet li ħareġ id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li jidhru fl-agenda.

70.11 Il-KLM se jiltaqa' nhar id-19 ta' Diċembru fis-6.00pm filwaqt li din il-laqgħa ntemmet fit-20.20 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Anthony Bonello<br>Segretarju Eżekuttiv | approvati llum 19 ta' Diċembru 2016 | Dr Charlene Zammit<br>Sindku |